# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2002**

**Rikors numru 2/01B**

**Numru**

**Giovanna Cutajar**

**Vs**

**Maria Zammit**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi hi tikri lill-intimata ghalqa maghrufa bhala Hal Lew fil-limiti tal-Qrendi, bil-kejl ta' circa elfejn mitejn u tmienja u erbghin metri kwadri (2248 m2) imqabbla ghal lira Maltija fis-sena, jithallsu fil-15 ta' Awissu ta' kull sena b'lura, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001);

L-esponenti ghandha bzonn l-istess ghalqa ghal usu taghha u ta' membri tal-familja taghha skond l-artikolu 4 (2) (b) tal-Kap 1999 tal-Ligijiet tal-Malta;

Bla pregudizzju, l-intimata ma adempietx l-obbligi taghha a tenur tas-subinciz 4(2) (f) tal-istess Ligi;

L-intimata, interpellata biex tivvaka l-istess ghalqa, baqghet inadempjenti;

Talbet sabiex dan il-Bord jawtorizza lill-istess rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-ghalqa fuq indikata u tordna lill-intimata tivvaka l-istess ghalqa entro terminu li jigi lilha prefissa u li jigi likwidat minn dan il-Bord kull kumpens li jkollha thallas lill-intimata skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Novembru 1999 kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimata, f'dawn il-proceduri, la dehret la ssottomettiet risposta ghar-rikors in esami (ara fol 5, 9 u 16 tal-atti).

Ra d-digriet a fol 9 tal-atti u li bih gew nominati l-Periti Teknici ta' dan il-Bord.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidra

Illi, sabiex dan il-kaz jigi decis, gew kunsiderati s-segwenti:-

a) Ix-xhieda tal-istess rikorrenti (fol 11 et seq ibid) li, oltre li esebiet zewg ritratti (fol 13 u 14 ibid) li fuqhom hi murija l-art in kwistjoni oltre pjanta (fol 15 ibid) li fuqha tinsab delineata l-istess arti, ikkonfermat taht gurament, dak kollu premess fir-rikors promotur.

b) Ir-relazzjoni tal-istess Periti Teknici (fol 17 u 18 tal-atti). Fl-istess relazzjoni jinghad li gie kostatat fl-access li sar fis-26 ta' Marzu 2002 illi r-raba' in kwistjoni ilu mitluq ghal diversi snin. Filfatt go fih kien hemm xewk, sintomu car ta' sdingar, telqa kif ukoll nuqqas ta' koltivazzjoni tal-istess raba.

Ikkonsidra

Illi mill-premess jidher evidenti li t-talbiet dedotti mill-istess rikors ghandhom jigu akkolti, minghajr ebda kumpens dovut mir-rikorrenti lill-intimata.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa' t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

1) jawtorizza lilll-istess rikorrenti sabiex tirriprendi l-pussess tal-ghalqa maghrufa bhala Hal Lew fil-limiti tal-Qrendi tal-kejl ta' cirka 2248 metri kwadri u skond kif murija fuq il-pjanta annessa mal-atti a fol 15, liema pjanta ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decisjoni u;

2) jordna lill-intimata sabiex tizgombra mill-istess ghalqa sal-15 ta' Awissu 2002.

Bl-ispejjes kontra l-istess intimata.

Alan Calleja
Deputat Registratur